MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 584/2003

**Josef Zammit**

**vs**

**Pollo D'Oro Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u erba' mija u tlieta u ghoxrin lira u hdax il-centenzmu (LM2423.11), rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ghal tigieg mibjugha u kkonsenjati u accettati mis-socjeta' konvenuta u dan skond skrittura privata li ggib d-data tat-28 ta' Jannar, 2003, kopja taghha annessa u mmarkata Dok A, liema pagamenti ma gewx effettwati mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-7 ta' Jannar, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------